# Prijoritajiet

Huwa ħafna aktar diffiċli milli wieħed jaħseb li tiffissa prijoritajiet, targits u oġġettivi għall-leġislatura li jmiss ta' l-Unjoni Ewropea. Ħafna drabi l-aġenda hi wiesgħa u mimlija, u bħala riżultat kull suġġett isir prijorità.

Li tiffissa prijoritajiet ma jfissirx li oqsma oħra tal-ħidma għandhom jitpoġġew fil-ġenb, iżda hemm oqsma u materji fejn jiena nħoss li l-Parlament għandu jagħmel sforz speċjali fis-snin li ġejjin:

1. **L-Irkupru Ekonomiku.** Jidher ċar aktar minn qabel li l-pjan għall-irkupru ekonomiku u finanzjarju fl-Ewropa għandu jingħata l-ogħla prijorità.
2. **Bidla fil-Klima.** L-Ewropa għandha ssir mutur ewlieni serju fil-battalja kontra l-bidla fil-klima u fl-użu ta' enerġija alternattiva.
3. **Immigrazzjoni llegali.** Il-kwistjoni ta' l-immigrazzjoni llegali u rregulari għandha tingħata attenzjoni aktar urġenti u tkun indirizzata effettivament permezz ta' inizjattivi tanġibbli u konkreti.
4. **Fair Deal.** Iċ-ċittadini Ewropej għandhom jingħataw 'fair deal' bħala konsumaturi u l-jeddijiet tagħhom għandhom ikunu mħarsa bis-sħiħ.
5. **Ugwaljanza bejn is-Sessi.** Il-leġislazzjoni dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi għandha tkun infurzata fl-istati membri kollha.
6. **Diskriminazzjoni.** Għandu jingħata impetus ġdid lill-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, ix-xenofobja, u l-esklużjoni soċjali fl-għamliet kollha tagħha.
7. **Il-Faqar.** Aħna għandna naħdmu fuq il-problema tal-faqar li qed jiżdied bħala riżultat ta' l-għoli tal-ħajja u l-livell mhux aċċettabbli ta' qgħad, li qegħdin jaffettwaw il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini.
8. **Ħteġiet Speċjali.** Hemm setturi tas-soċjetà li huma marġinalizzati u minsija; il-ħteġiet speċjali tagħhom jistħoqqilhom attenzjoni.
9. **Patt Soċjali.** Jeħtieġ li naħdmu għal Patt Soċjali Ewropew ġdid li fih ikollna miri u standards realistiċi dwar il-welfer soċjali, is-saħħa u l-edukazzjoni. Il-leġislazzjoni Ewropea kollha għandha tkun eżaminata skond l-impatt soċjali tagħha.
10. **Il-Biedja u s-Sajd.** Il-bdiewa u s-sajjieda għandhom jingħataw għajnuna biex isiru sostenibbli fid-dinja globali moderna.
11. **Politika ta' Żvilupp.** Il-politika ekonomika għandha tintuża b'mod sinjifikanti bħala għodda biex terfa' miljuni ta' nies li qegħdin igħixu taħt il-linja tal-faqar.
12. **Oġġettivi Reġjunali u għal Koeżjoni.** Għandu jkun hemm iżjed fondi biex isir impatt sostanzjali fuq dawk ir-reġjuni ta' l-UE li għadhom inqas żviluppati u jibdew joqorbu lejn in-

norma.

Biex l-UE tilħaq il-miri li semmejt aktar ‘il fuq, madankollu, irid ikun hemm bidla drastika fil-mod kif jaħdmu l-istituzzjonijiet infushom:

- Aktar trasparenza fl-istituzzjonijiet Ewropej.
- Simplifikazzjoni fil-leġislazzjoni u inqas burokrazija u inqas spejjeż fit-twettiq tagħha.
- Titjib fil-kumnikazzjonijiet bejn l-istituzzjonijiet ta’ l-UE u ċ-ċittadin ordinarju.